- ARTIKOLU 42 (2) TAL-KAP. 409 -

- IL-LIĠI MA TIPPERMETTIEX ATTI KAWTELATORJI KONTRA L-MTA BIEX TWAQQAF L-EZEKUZZJONI TA' **ORDNI TA' INFURZAR** MAĦRUĠ BIS-SAĦĦA TAL-KAP. 409 -

- ARTIKOLU 41 (5) TAL-KAP. 409 -

- ĊIRKOSTANZI META APPELL MINN ORDNI TA' INFURZAR TAL-MTA QUDDIEM IL-BORD TAL-APPELLI MA JISSOSPENDIEX L-EZEKUZZJONI TAL-ISTESS AVVIZ TA' INFURZAR -

-

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

### ILLUM L-1 TA' LULJU, 2019

**Fl-Atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni numru 799/19 fl-ismijiet:**

**Park Hotel Limited (C 10203), CCC Limited (C 5752) u Esther Camilleri (ID 206343M)**

**vs.**

**Malta Tourism Authority u Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**

Rat ir-**rikors tar-rikorrenti is-socjeta` Park Hotel Limited, is-socjeta' CCC Limited u Esther Camilleri** pprezentat fl-14 ta' Gunju, 2019 li permezz tieghu ippremettew u talbu s-segwenti:

"Illi l-esponenti ghandhom interess li jitharsu l-jeddijiet taghhom;

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tieghu, jixtiequ jzommu lill-intimati milli:-

Iwaqqfu lill-esponenti milli joperaw il-lukanda Park Hotel, gewwa Graham Street, Tas-Sliema u dan bl-aktar mod ampju u/jew twaqqafhom milli jghalqu l-istess lukanda.

Illi s-socjeta` esponenti topera l-lukanda Park Hotel fi Graham Street, Sliema. Illi l-esponenti fil-prezent ghandha pendenti, proceduri fejn qieghed jigi kkuntestat *enforcement* mahrug fl-20 ta' Gunju 2017 mill-intimata MTA, u ghalhekk dan l-*enforcement* ghadu mhux finali. Illi tant hu hekk illi hemm seduta pendenti nhar it-Tnejn 17 ta' Gunju stess. Illi kopja ta' dan l-*enforcement* qed jigi hawn anness u mmarkat Dok. A.

Illi dan l-appell qieghed jinstema quddiem il-Bord ta' l-Appelli Dwar it-Turizmu u ggib referenza numru EN065.17 u ghalhekk sakemm tinghata decizjoni finali, l-ebda *enforcement notice* mhu enforzabbli kontra l-esponenti.

Illi tant hu hekk li l-esponenti ghadhom joperaw din il-lukanda, minkejja it-trapass ta' sentejn u minkejja l-*inspections* regolari tal-MTA u dan ghalhekk bil-kunsens ta' l-MTA stess. Illi dan l-*enforcement* ma kienx hareg minhabba ragunijiet gravi, imma minhabba numru ta' nuqqasijiet zghar li l-esponenti bi ftehim ma l-MTA irrangat kwazi kollox tul dawn l-ahhar sentejn. Illi dan jirrizulta mir-rapporti tal-MTA stess hawn annessi u mmarkati Dok B u C fejn johrog ix-xogholijiet kollha li saru mill-esponenti, *oltre* xogholijiet ohra.

Illi apparti dak mitlub mill-MTA l-esponenti ghamlet diversi xogholijiet ta' refurbishment, tant li f'dan l-ahhar sena nefqet b'Euro 500,000.00, u dan kif jirrizulta mill-annessi Dok D u E kif ukoll mir-rapport tal-konsulent Anthony Coleiro, hawn anness u mmarkat Dok F.

Illi l-MTA tul dawn l-ahhar sentejn dejjem ghamlet *full inspections* regolari u effettivament qatt ma sabet nuqqasijiet ta' natura gravi, anzi dejjem gie rimarkat kif in-nuqqasijiet zghar li kienu prezenti originarjament kienu qeghdin jigu sorvolati, u kif *del resto* kien qieghed isir aktar xoghol minn dak mitlub.

Illi mhux talli hekk, talli l-lukanda tinzamm skond il-ligi, kemm tas-sanita, kif ukoll skond ir-regolamentita' sahha u sigurta`, tant li kif jirrizulta mill-ittra mahruga mill-Comptec Dok G hawn annessa, ssir pest control regolari, kif ukoll huma regolari ukoll il-Fire and Security Engineering tal-lukanda kif jirrizulta mic-certifikat Dok H hawn anness.

Illi minkejja dan, zewg rapprezentanti tal-MTA il-Hamis li ghadda, ossija Raymond Ferris u Michelle Camilleri, gew il-lukanda u infurmaw lill-esponenti illi l-MTA kienet ser tigi bil-Pulizija nhar it-Tnejn filghodu, ossija fis-17 ta' Gunju, 2019 u ser taghlaq il-bibien tal-lukanda.

Illi l-esponenti ma inghataw l-ebda decizjoni u/jew raguni il-ghaliex ser tinghalaq il-lukanda taghhom, u dan ghaliex ma hemm l-ebda raguni valida skont il-ligi il-ghaliex din ghandha tieqaf topera bl-istess mod kif ilha topera tul dawn l-ahhar sentejn.

Illi mhux talli hekk, talli mill-*enforcement* li huwa kkontestat sallum, saru prattikament ix-xogholijiet rikjesti mill-MTA kollha, tant li l-probabilita` hija li sa l-ahhar ta' l-appell ikun spicca superflu.

Illi wiehed ma jistax jifhem kif l-intimati jippretendu illi jezegwixxu *enforcement* li ghadu *sotto* appell, u ghalhekk li ghadu mhux finali. Dan *oltre* l-fatt illi ma hem l-ebda raguni gravi jew valida ohra li permezzs li tiggustifika li jitwaqqaf l-operat ta' l-esponenti millum ghal ghada, u dan fl-aqwa tas-sajf.

Illi huwa inkoncepibbli kif f'pajjiz demokratiku, tittiehed decizjoni sabiex tinghalaq il-lukanda in kwistjoni, imma sempliciment jigu infurmati verbalment li minn nhar it-Tnejn, ser tigi l-MTA bil-pulizija u taghlaq il-bibien.

Illi l-esponenti m'ghandhom l-ebda ideja il-ghaliex f'habta u sabta huma ser jigu ordnati jaghlqu l-lukanda, u dan fl-gheqqel tas-sajf meta l-okkupazzjoni tal-lukanda hija mimlija u dan minghajr ebda kont tat-turisti u residenti fil-lukanda, tal-haddiema taghhom u tad-danni li ser effettivament jigu kkagunati jekk l-esponenti jispiccaw jaghmlu sajf maghluqin.

Illi ghalhekk l-esponenti ser issofru pregudizzju irrimedjabbli jekk jintlaqax dan il-mandat gia` ladarba ser tispicca taghlaq il-lukanda, b'konsegwenzi fatali ghan-negozju taghhom, u dan oltre li l-esponenti jispiccaw esposti ghal numru konsiderevoli ta' danni.

Illi l-esponenti ghandu dritt jibqa' jopera l-lukanda tieghu u mhux li jinghalaq habta u sabta minghajr ma jkun inghata ebda raguni, u minghajr ma tezisti l-ebda raguni valida skond il-ligi.

Illi minhabba in-natura urgenti ta' dan il-mandat huwa mehtieg illi da nil-mandat jintlaqa provizorjament minn din l-Onorabbli Qorti, gia

ladarba l-intimat behsiebhom jaghlqu il-bibien ta' l-esponenti nhar it-Tnejn stess.

Illi l-esponenti se jigi ppregudikat jekk l-intimat ma jigix inibit kif inghad;
Ghaldaqstant l-esponenti qeghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni li jidhrilha xierqa u opportune, joghgobha tinibixxi lill-intimati milli bl-akbar mod ampju iwaqqfuu/jew jipprojbixxu lill-esponenti joperaw il-lukanda.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izommu milli jkompli jaghmel l-hwejjeg hawn fuq imsemmija."

Rat **ir-risposta guramentata tal-Kummissarju tal-Pulizija** prezentata fid-19 ta' Gunju, 2019 fejn jinghad kif gej:

"Illi permezz ta' rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni, ir-rikorrenti qieghdin jitlob [recte: jitolbu] lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex zzomm lill-intimati milli *"iwaqqfu lill-esponenti milli joperaw il-lukanda Park Hotel, Gewwa Graham Street, Tas-Sliema u dan bl-aktar mod ampju u/jew twaqqafhom milli jghalqu l-istess lukanda "*

**Ir-rekwiziti legali sabiex ikun jista' jinhareg mandat ta' inibizzjoni:**

Illi qabel ma jigu indirizzati l-fatti tal-kaz, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija ser jghaddi sabiex jaghmel sottomissjonijiet fil-qosor dwar ir-rekwiziti ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni.

Illi l-**Artikolu 873 (1)** u **(2)** tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi illi:

"(1) L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

(2) Il-Qorti **m'ghandhiex** tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet".

Illi gie wkoll ritenut illi mandat ta' inibizzjoni:

"huwa mezz eccezzjonali u mhux normali ta' provediment legali u l-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu **jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli** … It-tiftix li trid taghmel il-Qorti huwa jekk, bl-ghamil li minnu qieghed jibza r-rikorrenti, **jistax jintilef darba ghal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li ghandu** filwaqt li hareg it-talba ghall-hrug tal-Mandat" [enfasi mizjuda mill-esponent] (**Charles Mugliett vs Saviour Bonnici, Prim Awla tal-Qorti Civili** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005**; **Angelo Xuereb vs Mario Hili, Qorti tal-Kummerc**, Rikors numru 3135/94 deciza fit-**22 ta' Settembru 1995).**

L-esponent jirrileva illi sabiex jinhareg Mandat ta' Inibizzjoni, il-Qorti ghandha ai termini tal-Artikolu 873 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta tkun sodisfatta illi (a) tali hrug huwa mehtieg sabiex jigu mharsa jeddijiet tar-rikorrenti u (b) li *prima facie*ir-rikorrenti ghandu dawk il-jeddijiet.

L-esponent jirreferi wkoll ghall-provvediment fl-ismijiet **Dr Michelle Tabone et vs Verdala Mansions Limited et** (Mandat ta' Inibizzjoni numru 989/07FS) moghti minn dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fis-16 ta' Lulju 2007 fejn gie osservat illi:

"**Ir-rekwiziti** essenzjali biex il-Qorti tordna l-Mandat ta' Inibizzjoni huma:

Il-Qorti m'ghandhiex tohrog mandat bhal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent

[DANNI IRRIMEDJABBLI LI JINNECESSITA RIMEDJU ADEGWABBLI];

Il-Qorti trid tkun sodisfatta li dak IR-RIKORRENT *PRIMA FACIE* JIDHER LI GHANDU DAWK IL-JEDDIJIET".

.Illi l-ligi thares il-"jedd" *prima facie*, bhala rekwizit mehtieg ghall-hrug tal-Mandat. L-esponent jirrileva illi wiehed irid jaghraf li l-jedd li jehtieg jithares mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta, disagju jew thassib (L-Avukat Dottor John Ludvic Gauci noe vs Id-Direttur tal-Kuntratti – Mandat numru 976/08JRM).

Illi l-htiega ghall-hrug ta' Mandat bhal dan tintrabat sewwa mal-fatt jew il-hsara li minnha r-rikorrenti jilmenta tkun wahda li ma tistax tissewwa mod iehor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitnehha imqar b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu jigi nieqes it-tieni element ghall-hrug tal-mandat. Hija gurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana li t-tielet rekwizit ghall-hrug tal-mandat (cioe' li l-mandat ikun mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti) mhuwiex sodisfatt f'kaz illi l-pretensjoni tar-rikorrenti hija wahda ntiza sabiex tirkupra danni. Dan ghaliex ir-rikorrenti ghandu l-ewwel nett igib prova illi l-pregudizzju li jista' jsoffri huwa wiehed irrimedjabbli u li ma jistax jigi evitat hlief bil-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni.

L-esponent jirreferi ghall-provvediment fl-ismijiet **Dr Kenneth Grima noe vs Id-Direttur Generali tal-Kuntratti** (Mandat ta' Inibizzjoni numru 288/2013) moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fis-26 ta' Marzu 2013 fejn gie osservat illi:

"Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, <u>mhux kompitu</u> ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Hadd mill-partijiet ma jista' jew m'ghandu jippretendi li mad-"daqqa t'ghajn" ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-procedura <u>specjali u partikolari</u> tal-Mandat ta'

Inibizzjoni. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni. Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali. Ghalhekk ma jistax jinhareg il-Mandat jekk il-hsara lamentata mir-rikorrenti tkun tista' tigi rimedjata mod iehor".

Illi in oltre, l-**Artikolu 873 (3)** tal-Kap. 12 jipprovdi s-segwenti:

"(3) Il-Qorti m'ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficcjali taghha kemm-il darba l-awtorita' jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma".

L-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-Artikolu 873 tal-Kap. 12 hija illi sabiex ikun jista' jinhareg il-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Gvern, iridu jigu sodisfatti l-elementi kollha rikjesti b'mod kumulattiv u cioe' is-subincizi (1), (2) u (3) tal-imsemmi artikolu.

**Il-fatti**

Illi l-esponent jirrileva illi qabel ma gie intavolat il-mandat ta' inibizzjoni in risposta qatt ma kien akonoxxenza tal-fatti kif mfissrin fl-istess rikors in risposta u qatt ma gie kkomunikat lilu mill-Malta Tourism Authority illi kellha bzonn il-presenza tieghu sabiex tezegwixxi l-imsemmi *enforcement notice*.

Illi traccjati l-fatti saljenti, l-esponent jissottometti illi l-presenza tieghu bhala intimat f'tali proceduri tidher li hija bla htiega *stante* illi l-Kummissarju tal-Pulizija fi kwalunkwe kas jagixxi fuq rikjesta legali ta' Awtorita' (f'dan il-kas tal-MTA) ghaz-zamma tal-bwon ordni u sa*biex tassisti l-is*tess Awtorita' illi ghandha dritt skond il-Ligi tezercita l-poteri moghtija lilha.

Illi l-esponent jissottometti illi kemm il-darba l-Awtorita' tigi mwaqqfa milli tezercita tali dritt, l-Kummissarju tal-Pulizija mhux ha jkun f'posizzjoni illi jassistiha u dan ghaliex d-dritt tal-Awtorita' jigi sospiz b'ordni tal-Qrati. Certament l-esponent qatt ma kien se jagixxi di *sua sponte* billi jenforza *enforcement notice* li ma taqax fil-mansjoni tal-istess Kummissarjat. Ghandu jirrizulta car illi *enforcements notices* jinhargu u jigu enforzati mill-Malta Tourism Authority ai termini tal-artikoli 40 *et sequitur* tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux mill-esponent;

Illi l-esponent jissottometti illi s-semplici notifika tal-proceduri odjerni u/jew ingunzjoni sabiex l-istess esponent jaghti d-deposizzjoni tieghu (jekk ghal grazzja tal-argument l-Onorabbli Qorti tkun trid tisma lill-esponent) kienet tibbasta;

Ghaldaqstant waqt illi l-esponent jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti jissottometti illi huwa m'ghandux fi kwalunkwe kas jsofri l-ispejjez ta' tali proceduri u dan *stante* illi semmai l-presenza tieghu fl-istess proceduri bhala intimat mhux mehtiega u d-deposizzjoni tieghu setghat tinkiseb permezz ta' notifika jew ingunzjoni."

Rat **ir-risposta ta' l-Awtorita` tat-Turizmu ta' Malta** prezentata id-19 ta' Gunju, 2019 fejn jinghad kif gej:

"Illi permezz ta' rikors intavolat fil-15 ta' Ġunju, 2019, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex iżomm lill-esponenti milli

‘*iwaqqfu [lir-rikorrenti] milli joperaw il-lukanda Park Hotel, ġewwa, Graham Street, Tas-Sliema u dan bl-aktar mod ampju u/jew twaqqafhom milli jgħalqu l-istess lukanda’;*

Illi l-Awtorita’ esponenti tissottometti li t-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi spjegat f’ din ir-risposta.

1. **<u>Fatti fil-qosor</u>**

Illi l-lukanda *Park Hotel,* kienet liċenzjata bħala lukanda ta’ erba’ stilel mill-Awtorita’ esponenti;

Illi d-detentriċi ta’ din l-istess liċenzja hija l-istess Esther Camilleri f’ isimha proprju u a nom tas-soċjeta’ CCC Limited u dan kif jirriżulta mill-liċenzja li ġġib in-numru ta’ referenza H/0212;

Illi s-soċjeta’ Park Hotel Limited la ma hi indikata bħala d-detentur tal-liċenzja u anqas bħala operatur tal-istess lukanda;

Illi l-Awtorita’ esponenti ilha żmien tirċievi lmenti minn turisti rigward din il-lukanda u dan wassal biex l-Awtorita’ għamlet diversi spezzjonijiet matul is-snin;

Illi fl-14 ta’ Settembru, 2016, kienet saret spezzjonij mill-uffiċjali tal-Awtorita’ esponenti fejn irriżulta li l-lukanda *de quo* kienet qiegħda topera bi ksur tal-*istandards* meħtieġa hekk kif jirriżultaw mill-Ewwel u it-Tieni Skeda tal-Ewwel Parti tar-*Regolamenti dwar l-Istabbilimenti ta’ Akkomodazzjoni Turistika,* Liġi Sussidjarja 409.04 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi dan wassal biex l-Awtorita’ esponenti ħarġet avviż ta’ infurzar datat 11 ta’ Ottubru, 2016 u li jġib in-numru ta’ referenza EN095.16, kopja hawn annessa u mmarkata bħala **Dok. MTA1**;

Illi f' dan l-avviż ta' infurzar ir-rikorrenti Esther Camilleri u CCC Limited ġew infurmati li instabu li kienu qegħdin joperaw bi ksur tal-*istandards* meħtieġa u ingħataw sittin (60) ġurnata żmien sabiex jirregolaw l-posizzjoni tagħhom u f' każ ta' nuqqas ta' dan kellhom jieqfu joperaw jew jippermettu tali operazzjoni tal-istess stabbiliment;

Illi wara l-ħruġ ta' dan l-avviż ta' infurzar saru diversi laqgħat fejn b'rieda tajba u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tagħha, l-Awtorita' esponenti estendiet tali terminu ta' sittin ġurnata sabiex isiru x-xogħolijiet neċessarji biex il-lukanda tiġi *up-to-standard;*

Illi minn dan l-avviż ta' infurzar qatt ma ġie intavolat appell mir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Turiżmu;

Illi pero', minkejja dawn id-diversi estensjonijiet, ħafna min-nuqqasijiet hekk indikati lir-rikorrenti meta nħareġ l-avviż tal-infurzar EN095.16 ma ġewx riżolti u dan kif irriżulta waqt spezzjoni li saret fil-15 ta' Ġunju, 2017;

Illi waqt din l-ispezzjoni l-uffiċjali tal-Awtorita' esponenti sabu li l-lukanda *de quo* kienet fi stat ħażin ħafna;

Illi l-Awtorita' ma setgħetx tkompli tippermetti l-operat ta' lukanda li ma tissodisfax ir-rekwiżiti neċessarji tal-liġi, u dan wassal biex l-Awtorita' esponenti ħarġet avviż ta' infurzar ieħor li jġib in-numru ta' referenza EN 065.17, kopja hawn annessa u mmarkata bħala **Dok. MTA2,** fejn Esther Camilleri u CCC Limited ġew ordnati sabiex jieqfu milli joperaw jew jippermettu l-operat tal-attivita' turistika in kwistjoni fi żmien ħmistax-il ġurnata u sabiex jipprovdu lill-klijenti tal-lukanda u kwalunkwe klijenti oħra b' akkommodazzjoni alternattiva u servizzi oħra simili, f' lukanda tal-istess livell jew ogħla u li tinsab fil-viċinanzi tal-istess lukanda u dan ai termini tal-artikolu 18(8) tal-Kapitolu 409;

Illi Esther Camilleri f' isimha proprju u għan-nom ta' CCC Limited appellaw minn dan l-Avviż ta' Infurzar u sal-lum għad hemm proċeduri pendenti quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Turiżmu;

Illi matul dawn l-aħħar sentejn l-Awtorita' esponenti baqgħet tagħmel spezzjonijiet regolari, iżda wara dan iż-żmien kollhu ftit li xejn kien hemm titjib fl-istat tal-lukanda *de quo a contrario* ta' dak li huwa allegat mir-rikorrenti fir-rikors tagħhom;

Illi l-Awtorita' esponenti baqgħet u għadha sal-lum tirċievi ħafna ilmenti mingħand turisti rigward din il-lukanda u ma tistax tkompli tippermetti l-lukanda in kwistjoni topera meta ġie konċess żmien aktar milli suffiċjenti sabiex ikun hemm titjieb sostanzjali fl-istess lukanda, liema dan ma seħħx;

Illi għalhekk dan wassal sabiex l-Awtorita' esponenti infurmat lir-rikorrenti fit-13 ta' Ġunju, 2019 li kienet ser tipproċedi bl-egħluq tal-lukanda *de quo* fis-17 ta' Ġunju, 2019 a bażi ta' l-avviżi ta' infurzar maħruġa minnha u biex tieħu ħsieb li tipprovdi akkomodazzjoni alternattiva lill-klijienti tagħha kif indikat skont l-aħħar avviż ta' infurzar maħruġ mill-istess Awtorita' esponenti u sa anke r-rikorrenti intalbu li jipprovdu l-*guest list* relattiva liema sal-lum din għadha ma ġietx provduta;

## 2. <u>Analiżi Legali</u>

### A. <u>Mandat ta' inibizzjoni ma jistax jinħareġ kontra Avviż ta' Infurzar</u>

Illi preliminarjament għandu jiġi osservat li ma jistax jinħareġ mandat ta' inibizzjoni sabiex iwaqqaf l-Awtorita' esponenti milli tieħu passi a bażi ta' Avviż ta' Infurzar li hija tkun ħarġet;

Illi kif jipprovdi l-Artikolu 42(2) tal-Att dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u Turiżmu f'Malta (Kapitolu 409 tal-Liġijiet ta' Malta) (minn hawn 'il quddiem msejjaħ bħala 'l-Att'):

*'(2) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ebda mandat kawtelatorju jew ordni oħra m'għandha tinħareġ jew tingħata minn ebda qorti, li żżomm l-Awtorità milli teżerċita xi waħda mis-setgħat mogħtija lilha b'dan l-artikolu.'*

Illi l-Artikolu 42 jipprovdi dwar is-setgħat li l-Awtorita' esponenti għandha sabiex teżegwixxi Avviż ta' Infurzar maħruġ minna, inkluż li tipproċedi bl-egħluq ta' stabbiliment turistiku bħal lukanda mertu ta' dan il-mandat;

Illi għalhekk a bażi ta' l-Artikolu 42(2), din l-Onorabbli Qorti għandha immedjatament tiċħad it-talba tar-rikorrenti;

Illi dan ġie ikkonfermat mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet *Albert sive Robert Borg vs Kap Eżekuttiv Awtorita' Maltija tat-Turiżmu et* deċiża fil-31 ta' Mejju, 2013, fejn il-Qorti Kostituzzjonali ikkonfermat li ma jistax jsir mandat ta' inibizzjoni f' każijiet fejn jsir infurzar mill-Awtorita' tat-Turiżmu a bażi tal-artikolu 42(1) tal-Att;

Illi l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-istess sentenza hawn ċitata sostniet ukoll li l-artikolu 42(2) b'ebda mod ma jilledi d-drittijiet fundamentali kontemplati fl-Artikolu 6 u 13 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittjiet tal-Bniedem, liema dan jkompli jafferma li t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda u dan b' mod partikolari x' ħin wieħed jikkunsidra li l-Awtorita' ikkonċediet biżżejjed żmien sabiex ir-rikorrenti jew minn minnhom jirregolaw l-posizzjoni tagħhom, liema dan ma għamluhx;

## B. Nuqqas ta' interess ġuridiku ta' Park Hotel Limited

Illi skont il-liċenzja maħruġa mill-Awtorita' esponenti, is-soċjeta' Park Hotel Limited la ma hi indikata bħala d-detentur tal-liċenzja u anqas bħala operatur tal-istess, kopja tal-liċenzja relattivia hija hawn annessa u mmarkata bħala **Dok. MTA3**;

Illi effettivament ebda avviż ta' infurzar ma ġie indirizzat lill-istess soċjeta';

Illi fil-fatt tali soċjeta' lanqas ma hi involutha fil-proċeduri li hemm pendenti quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Turiżmu;

Illi is-soċjeta' Park Hotel Limited mhijiex rikonoxxuta mill-Awtorita' esponenti, u jekk vera hija b' xi mod involuta fl-operat tal-istess lukanda dan jimplika li s-soċjeta' Park Hotel Limited qiegħda taġixxi bi ksur tal-liġi (Regolament 4(4) tar-*Regolamenti dwar Attivitajiet Turistiċi*, Liġi Sussidjarja 409.08) għaliex naqset milli tottjeni l-kunsens tal-Awtorita' esponenti qabel ma bdiet taġixxi bħala operatur tal-istess lukanda;

## C. L-iskop u ir-rekwiżiti għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kif jipprovdi l-artikolu 873(1) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta), l-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni huwa li *'jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-*persuna *li qed titlob il-mandat.'* ;

Illi sabiex jinħareġ dan it-tip ta' mandat, din l-Onorabbli Qorti trid taċċerta li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti kollha li tirrikjedi l-liġi, speċifikament dawk indikati taħt l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12 li jipprovdi s-segwenti:

*(2) Il-Qorti* ***m'ghandhiex*** *toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrent "prima facie" jidher li għandu dawk il-jeddijiet.*

Illi l-liġi titlob li għandhom jiġu sodisfatti żewġ rekwiżiti, li kif spjegat din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet *Josephine Cutajar vs Mark Vella* deċiża fit-23 ta' April, 2015:

*'Dawn iż-żewġ elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għal ħruġ ta' mandat bħal dak; inoltre huma kriterji oġġettivi u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Dan għaliex il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita.'*

Illi in vista tan-natura tal-intimati, f'dan il-każ huwa applikabbli wkoll l-artikolu li jsegwi, *ossia* l-Artikolu 873(3) tal-Kap. 12:

*"(3) Il-Qorti m'għandha toħroġ ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali taghha kemm-il darba l-awtorita' jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħarigx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma".*

Illi hija l-umili fehma tal-esponenti li ma jissustux l-elementi neċessarji sabiex tintlaqa' t-talba odjerna u *in oltre* kif ser tapprezza din l-Onorabbli Qorti l-pretensjonijiert tar-rikorrenti huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u huma wkoll vessatorji;

Illi a tenur tal-Artikolu 41(1) tal-Att, meta l-Awtorita' esponenti jidhrilha li stabbiliment turistiku ma jkunx qiegħed iħares il-kondizzjonijiet li għalihom l-liċenzja tkun soġġetta jew tkun qiegħda titmexxa kontra xi disposizzjonijiet u regolamenti tal-Att hawn msemmi, l-Awtorita' jkollha dritt toħroġ avviż fejn tordna biex l-attivita' turisitika konċernata tieqaf minnufih;

Illi fil-każ in kwistjoni, l-Awtorita' esponenti mxiet fuq dan l-artikolu u in vista tan-nuqqasijiet li instabu, kif jirriżulta mill-istess żewġ Avviżi hawn msemmijin, l-Awtorita' esponenti talbet sabiex din il-lukanda tieqaf milli tibqa' topera entro t-termini rispettivi indikati fiż-żewġ Avviżi ta' infurzar hawn msemmija;

Illi l-Avviż ta' Infurzar maħruġ fl-2016 għadu validu;

Illi għal dak li jirrigwarda l-Avviż ta' Infurzar maħruġ fl-2017, nonostante li ġie intavolat appell da parte ta' uħud mir-rikorrenti, l-appell ma jissospendix l-effetti ta' dan l-Avviż ta' infurzar la darba hemm ordni ta' twaqqif fl-istess avviż;

Illi kif jipprovdi l-Artikolu 41(5) tal-Att;

*'(5) Appell jissospendi l-effett tal-avviż appellat ħlief meta dan ikun ipprojbixxa u/jew waqqaf attività turistika. Jekk l-appell jiġi milqugħ, l-avviż ma jkollux aktar effett.'*

Illi għalhekk dak iddikjarat fir-rikors għat-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni *de quo* huwa żbaljat, għaliex il-proċeduri quddiem l-Bord hawn msemmi b' ebda mod ma jissospendu l-effetti ta' l-avviżi ta' infurzar konċernati, speċjalment meta wieħed mill-avviżi anqas ma ġie appellat;

Illi l-Awtorita' esponenti qatt ma tat il-kunsens tagħha sabiex l-lukanda *de quo* tibqa' topera, għaliex ċertament l-appell quddiem il-Bord konċernat ma kienx jibqa' pendenti u l-mertu kien jiġi eżawrit;

Illi l-*buona fide* tal-Awtorita' esponenti u l-fatt li tat ċans lir-rikorrenti sabiex jirregolaw l-posizzjoni tagħhom, huma mingħajr preġudizzju għall-effetti tal-avviżi ta' infurzar konċernati;

Illi l-ispezzjonijiet regolari dejjem saru sabiex il-Bord jiġi infurmat bl-iżviluppi, jekk kien ikun hemm, tal-istat tal-lukanda, liema stat bil-kemm kien jitjieb minn seduta għall-oħra;

Illi n-nuqqasijiet m'humiex żgħar kif jipprovaw jgħidu r-rikorrenti, fejn mhux biss jippreżentaw rapporti li jikkontjenu kummenti li ma nkitbux mill-uffiċjali tal-Awtorita', iżda ukoll r-rapporti li jinsabu annessi u mmarkati bħala Dok. B u Dok. C mhuwiex ir-rapporti kompluti tal-ispezzjoni konċernata, kopja tar-rapport komplut tal-ispezzjoni tas-26 ta' Novembru, 2018 qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **Dok. MTA4;**

Illi di piu, r-rapporti Dok. B u Dok. C b' ebda mod ma juru ix-xogħolijiet li saru mir-rikorrenti, anzi juru d-defiċenzi relattivi u li l-lukanda konċernata ma tissodisfax l-*istandards* mandatorji kollha hekk kif ikkontemplati fil-liġi;

Illi skont rapport aktar reċenti datat 25 ta' April, 2019, kopja hawn annessa u mmarkata bħala **Dok. MTA5,** jirriżulta li waqt din l-ispezzjoni bil-kemm kien hemm titjieb fis-sitwazzjoni;

Illi di piu' l-Awtorita' esponenti ġiet a konnoxenza tal-fatt li fil-lukanda hemm problema ta' ġrieden, u dan kif jirriżulta mir-ritratti hawn annessi u mmarkati bħala **Dok. MTA6**;

Illi l-Awtorita' esponenti tirriserva li jġib provi oħra ulterjuri waqt is-smiegħ tal-kawża *de quo* sabiex turi lil din l-Onorabbli Qorti l-istat ta' din il-lukanda;

Illi a rigward l-allegat nefqa ta' nofs miljun Ewro, din in-nefqa jekk vera ġiet affetwata, tikkonferma li l-Awtorita' kienet korretta meta ipproċediet kontra uħud mir-rikorrenti stante li ċertament jekk wieħed kien jissodisfa l-*istandards* kollha relattivi ma kienx ikollhu bżonn jidħol f' tali spiża f' salt biex ikun *up-to-standard! In oltre,* b'kull rispett, li jingħad li allegatament ntefqu dawn il-flus m'huwiex biżżejjed, għaliex kollox huwa relattiv. Dan irid jittieħed f'kuntest ta' kemm verament kien hemm bżonn li jintefqu, għaliex huwa ċar li jekk dawn il-flus verament intefqu, ma kienux biżżejjed biex jissanaw il-posizzjoni tar-rikorrenti;

Illi apparti minn hekk id-Dokumenti D, E u F juru li għad fadal ix-xogħol xi jsir f' din il-lukanda biex tkun f' posizzjoni li xi darba tosserva ir-rekwiżiti u *standards* kollha skont il-liġi;

Illi għalhekk meta jidħol turist llum, liema turist ikun taħt l-impressjoni li għamel *booking* ma' u se jsib lukanda ta' erba' (4) stilel u li se jieħu servizz ta' lukanda ta' erba' (4) stilel, dan mhu se jsib xejn minn dan għaliex ix-xogħolijeit f' din il-lukanda għadhom għaddejin;

Illi t-tkaxkir tas-saqajn tal-lukanda, qiegħed itellef ir-reputazzjoni ta' Malta mat-turisti, liema dan huwa ikkonfermat mill-pataflun ta' ilmenti li l-Awtorita' irċeviet jew rat fuq diversi sit reputabbli bħal *Tripadvisor;*

Illi infatti ir-Regolament 17 tar-*Regolamenti dwar l-Istabbilimenti ta' Akkomodazzjoni Turistika,* Liġi Sussidarja 409.04 jipprovdi li:

*'17. Kull detentur tal-liċenza ta' stabbiliment ta' akkomodazzjoni turistika għandu jiżgura li l-fond kollu kemm hu, il-faċilitajiet u tagħmir jinżammu u jitnaddfu kif imiss f'kull waqt.'*

Illi għalhekk huwa evidenti li r-rikorrenti m'għandhom ebda jedd *prima facie* x'jikkawtelaw, speċjalment meta mhux biss il-liġi tagħti l-fakolta' lill-Awtorita' li tgħalaq il-lukanda *de quo* iżda anke għaliex ir-rikorrenti ingħataw biżżejjed żmien biex jirregolaw ruħhom, liema dan jikkonfermawh huma stess li għadu ma indirizzawx in-nuqqasijiet kollha;

Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-Awtorita' esponenti kienet infurmat lir-rikorrenti li l-lukanda se tingħalaq a bażi tal-avviżi ta' infurzar konċernati, liema avviżi jispjegaw b' mod ċar ir-raġunijiet għaliex l-Awtorita' istitwixxiet tali proċeduri u tathom żmien biżżejjed sabiex jinfurmaw lill-klijienti tagħhom u jagħmlu l-arranġamenti neċessarji biex jipprovdu akkommodazzjoni alternattiva lill-istess;

Illi wieħed għandu jagħmel referenza ukoll għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza fl-ismijiet *Joseph sive Beppe Fenech Adami vs Anthony Borg Caruana noe* deċiża fit-2 ta' Awwissu, 2007:

*'... mhux bizzejjed li rikorrent juri li ser isofri xi pregudizzji, izda wkoll li tali pregudizzju jrid ikun irriparabbli; ghax il-Qorti ma tohrogx il-mandat ta' inibizzjoni meta jkun hemm rimedju adegwat ghar-rikorrent. Irid ikun kif jghid it-test bl-ingliz "necessary". ... il-pregudizzju ma jridx ikun wiehed ta' natura finanzjarja ghax bhala tali dan hu rimedjabbli purche' jkun hemm l-assi ghalih.'*

Illi fil-każ *de quo* l-unika preġudizzju li jistgħu jsoffru r-rikorrenti huwa dak ta' natura finanzjarja, u liema danni huma attribwili unikament lir-rikorrenti tali damu biex jiġu konformi mal-liġi u ma approfitawx ruħhom miż-żmien li kellhom sabiex fl-aħħar illestu x-xogħolijiet neċessarji kollha;

Illi *dato ma non concensso*, ir-rikorrenti għandhom rimedji oħra a disposizzjoni tagħhom u għalhekk fl-umli fehma tal-esponenti r-rikorrenti ma jissodisfawx it-tieni rekwiżit tal-liġi;

Illi għal dak li jirrigwarda r-rekwiżit tal-Artikolu 873(3) dan ukoll mhuwiex sodisfatt u hawnhekk tajjeb li issir referenza għal dan ippronunċjat minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza fl-ismijiet *Sandra Diacono vs Deutsche Bank (Malta) Ltd* deċiża fis-19 ta' Diċembru, 2014 qalet li;

*'Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, **l-grad ta' pregudizzju rikjest bhala bazi ta' akkordar ta' hrug ta' mandat kontra il-Gvern, m'ghadux pregudizzju "li ma jkun jista' jigi irrimedjat", izda bizzejjed li jintwera li dan il-pregudizzju ikun wiehed sproporzjonat.***

*Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali (Vide Charles Mugliett vs Saviour Bonnici deciza fil-25 ta' Jannar 2005 per Imhallef Joseph R. Micallef :*

*"... il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem b'mod irrimedjabbli."*

*Illi il-Qorti taghraf illi ghandha taghmel accenn ghal dak ritenut fid-digriet ta' dawn il-Qrati datat 18 ta'Lulju 2008 fl-ismijiet Av. Dr. John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti: "Ir-rabta ta' Mandat t'Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqghax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lil parti intimat milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din."'*

Illi fil-każ in kwistjoni huwa evidenti li l-mandat qiegħed jintuża aktar bħala arma ta' theddid milli arma biex ir-rikorrenti jissalvagwardjaw l-interessi tagħhom;

Illi fil-każ *de quo* l-lukanda se tingħalaq għal benefiċċju kemm tar-rikorrenti u kif ukoll tal-industrija tat-turiżmu ta' Malta li minnu jibbenefikaw eluf ta' persuni;

Illi tajjeb li jiġi emfasizzat li hemm ir-reputazzjoni ta' Malta u tal-industrija tat-Turiżmu li ġa ġew affetwati minħabba l-livell baxx ta' servizz li qiegħed jiġi offrut minn din il-lukanda u issa ma jistax ikun li l-Awtorita' tħalli l-lukanda *de quo* topera meta r-rikorrenti stess jikkonfermaw li għad iridu jagħmlu x-xogħolijiet għaliex mhumiex konformi mal-*istandards* kollha relattivi;

Illi għalhekk wieħed faċilment jista' jasal għall-konkluzjoni li fil-kuntest tal-portata tal-egħluq tal-lukanda *de quo*, dak li qegħdin jitolbu r-rikorrenti huwa ferm sproporzjonat;

Illi jekk jinħareġ tali mandat l-esponenti, b' mod partikolari l-Awtorita' esponenti, tkun qiegħda tiġi imwaqfa milli teżerċita waħda mill-funzjonijiet essenzjali tagħha u ċioe' li tassigura li l-istabbilimenti turistiċi josservaw l-*istandards* minimi u jipprovdu prodott ta' kwalita' lit-turisti li jiġu hawn Malta*;*

Illi jekk jintlaqa' dan il-mandat b' mod definittiv, ir-riperkussjonijiet huma serjissimi;

Illi *oltre* l-impatt fuq is-settur turistiku ta' Malta, li minnu jiddependu eluf ta' persuni, wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ukoll l-preċedent li ser jinħoloq fuq l-Awtorita' esponenti meta jkun jeħtieġ li tieħu azzjoni fi konfront ta' kwalunkwe stabbiliment turistiku li jinsab l jkun qiegħed jaġixxi bi ksur tal-liġi u dan ikun a detriment tat-turist u tal-poplu Malti;

Illi fiċ-ċirkostanzi huwa evidenti li jekk jintlaqa' dan il-mandat ser jippreġudika r-reputazzjoni ta' Malta in ġenerali u s-settur turistiku Malti u dan fil-kuntest ta' lukanda waħda li tirreklama li hija lukanda ta' erba' (4) stilel meta attwalment x' ħin jiġi it-turist issib lukanda li toffri servizz li anqas remotament ma huwa simili għal dak is-servizz mistenni minn lukanda ta' erba' (4) stilel;

Illi għalhekk t-talba tar-rikorrenti tonqos milli tosserva dan ir-rekwiżit tant fundamentali;

Għal dawn ir-raġunijiet, huwa fl-umli opinjoni tal-esponenti li r-rekwiżiti tal-Artikolu 873 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta ma ġewx sodisfatti mir-rikorrenti u għalhekk it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

Bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Gunju 2019 li permezz tieghu laqghet provvizorjament it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni pendenti l-ezitu ta' dawn il-proceduri u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-24 ta' Gunju 2019 filwaqt li tat lill-intimati terminu ghall-prezentata tar-risposta taghhom.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-24 ta' Gunju 2019 fejn dehru Maria Isabelle Camilleri ghas-socjetatjiet rikorrenti assistita mill-Avukat Dr Daniel Buttigieg; Raymond Ferris ghall-awtorita' intimata l-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta assistit mill-Avukati Dr Frank Testa u Dr Maria Lisa Buttigieg; u s-Supretendent Carmelo Bartolo ghall-intimat Kummissarju tal-Pulizija assistit minn Dr Miguel Degabriele mill-Ufficju tal-Avukat Generali.

Fl-istess udjenza Dr Testa ghall-Awtorita' Maltija tat-Turizmu ghamel dikjarazzjoni fil-miftuh ai termini tal-Artikolu 873 (3) tal-Kap. 12 fis-sens illi dak li qed jintalab bir-rikors in dizamina li jigi mwaqqaf fil-fatt kien mahsub li jsir mill-Awtorita' intimata.

Ezaminat il-provi mressqa sew dawk dokumentarji annessi mar-rikors u mar-risposti kif ukoll dawk prezentati fil-kors tal-udjenza tal-24 ta' Gunju 2019.

Semghat it-testimonjanzi tax-xhieda mressqa fl-udjenza imsemmija, senjatament Ray Ferris, Victor Spiteri u Michelle Camilleri imressqa mill-Awtorita' intimata u s-Supretendent Carmelo Bartolo imressaq mill-intimat Kummissarju tal-Pulizija.

Semghat it-trattazzjoni orali tal-abbli Avukati tal-partijiet.

Rat illi r-rikors thalla ghal digriet *in camera*.

Rat l-atti kollha.

Ikkonsidrat.

**Fatti Antecedenti r-Rikors ghall-Mandat ta' Inibizzjoni**.

Il-lukanda **Park Hotel** tinsab fi Triq Graham gewwa tas-Sliema u hija licenzjata bhala lukanada ta' erba' stilel (Four Star Hotel). Jirrizulta illi din il-lukanda hija licenzjata f'isem ir-rikorrenti Esther Camilleri, f'isimha kif ukoll ghan-nom tas-socjeta' CCC Limited.[1] Ma jirrizultax mill-atti li s-socjeta' rikorrenti Park Hotel Limited la hi u lanqas qatt kienet id-detentur tal-licenzja tal-lukanda u lanqas qatt kienet licenzjata sabiex tagixxi bhala operatur tal-istess lukanda.

Mill-provi mressqa sew dokumentarji kif ukoll mit-testimonjanzi tax-xhieda mressqa fl-udjenza tal-24 ta' Gunju 2019 jirrizulta *prima facie* illi wara diversi ilmenti li l-Awtorita' intimata kienet irceviet minn turisti residenti fil-Park Hotel, l-Awtorita' intimata ghamlet diversi spezzjonijiet tal-lukanda in kwistjoni u dan fuq medda ta' snin. Spezzjoni minnhom sehhet fl-14 ta' Settembrui 2016. Jirrizulta *prima facie* illi waqt dik l-ispezzjoni l-ispetturi tal-Awtorita' intimata sabu li l-lukanda kienet qed topera bi ksur tal-i*standards* stipulati fl-Ewwel u fit-Tieni Skeda tal-

[1] Licenzja nru. H/0212

Ewwel Parti tar-Regolamenti dwar l-Istabbilimenti ta' Akkomodazzjoni Turistika (**Ligi Sussidjarja 409.04 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Ghalhekk fil-11 ta' Ottubru 2016 l-Awtorita' intimata harget avviz ta' infurzar kontra id-detentrici tal-licenzja u l-operatur tal-lukanda (Esther Camilleri u CCC Limited rispettivament) fejn filwaqt li formalment avzathom li kienu qed joperaw il-lukanda Park Hotel bi ksur tal-istandards mehtiega, taghthom sittin (60) jum sabiex jirregolaw il-posizzjoni taghhom u fin-nuqqas il-lukanda kellha tinghalaq.[2] Minn dak l-avviz ta' infurzar la l-persuna licenzjata u lanqas l-operatur ma intavolaw appell pero' sussegwentement saru diversi laqghat bejn l-awtorita', il-persuna licenzjata u r-rapprezentant tas-socjeta' operatrici tal-lukanda bl-iskop li n-nuqqasijiet jigu rimedjati minghajr il-htiega ta' aktar azzjonijiet ta' enforzar.

Jirrizulta *prima facie* mix-xhieda moghtija dwar mill-ispetturi li spezzjonaw il-lukanda fil-15 ta' Gunju 2017 illi nonostante dawn il-laqghat u estensjonijiet tad-data meta l-avviz ta' infurzar kellu jigi ezegwit bl-gheluq tal-lukanda; il-lukanda xorta ma tqeghditx fi stat kif jirrikjedu ir-regolamenti regolanti l-i*standards* ghal lukanda ta' erba' stilel u kienet fi stat hazin hafna. Ir-ritratti ezebiti mill-ispetturi jitkellmu wahedhom u jidher *prima facie* illi in-nuqqasijiet riskontrati tant huma gravi illi jirrendu l-lukanda mhux idonea sabiex tilqa' residenti u toffrilhom servizzi bhala bhala lukanda, ta' l-ebda kategorija. Kien ghalhekk li fl-20 ta' Gunju 2017 l-Awtorita' intimata harget avviz ta' infurzar iehor bin-numru EN065.17. Fil-kors tas-smiegh ma inghatat l-ebda raguni ghaliex inharget ordni ta' infurzar iehor tenut kont li l-avviz ta' infurzar numru EN095.16 kien ghadu in vigore u ma kienx gie appellat. Din id-darba il-licenjat u l-operatur inghataw hmistax-il jum sabiex jieqfu joperaw il-Park Hotel u jipprovdu lir-residenti tal-lukanda b'akkokodazzjoni alternativa ta' livell ta' lukanda b'erba' stilel u fil-vicinanzi tal-istess lukanda ai termini tal-artikolu 18(8) tal-Kapitolu 409.

[2] Enforcement ref. No. EN095.16 (Dok MTA1 anness mar-risposta tal-Awtorita' intimata)

Esther Camilleri f' isimha proprju u għan-nom ta' CCC Limited appellaw minn dan l-Avviż ta' Infurzar u sal-lum l-appell ghadu pendenti quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Turiżmu.

Ghalkemm l-avviz ta' infurzar mahrug fl-20 ta' Gunju 2017 kien jordna li l-lukanda ghandha taghlaq il-bibien taghha fi zmien gimghatejn, il-lukanda xorta thalliet topera dejjem bit-tama li l-i*standards* jigu mghollija ghal dak rikjest f'lukanda ta' din ix-xorta;  izda jirrizulta *prima facie* illi dan ma sehhx, ghalkemm ir-rikorrenti jsostnu illu huma nefqu man-nofs miljun ewro sabiex ghamlu diversi xogholijiet rimedjali fil-lukanda.  Bejn is-sena 2017 u s-sena kurrenti l-Awtorita' intimata baqghet taghmel spezzjonijiet regolari u gabet provi illi s-sitwazzjoni prattikament ma tjiebet xejn mill-jum li fih harget l-ewwel avviz ta' infurzar lura fis-sena 2016.

Il-lukanda thalliet topera nonostante zewg avvizi ta' infurzar u fil-25 ta' April 2019 saret spezzjoni ohra.  Ir-rapport relattiv gie ezebit waqt it-testimonjanza ta' Michelle Camilleri ghall-Awtorita' intimata minn fejn jirrizulta *prima facie* l-istat hazin li tinsab fih din il-lukanda;  tlett snin wara l-hrug tal-ewwel avviz ta' infurzar.

L-Awtorita' intimata sostniet illi nonostate li prattikament ippermettiet lir-rikorrenti kwazi tlett snin sabiex tikkonforma ruhha mal-ligi u tgholli l-istandards taghha ghal dak ta' lukanda ta' erba' stilel;  dan iz-zmien ghadda minghajr mar-rikorrenti ottemperaw ruhhom mal-obbligi statutorji fuqhom imposti mil-ligi.

Ghalhekk wara l-imsemmija spezzjoni tal-25 ta' April 2019 u ilmenti ohra li baqghet tircevi, l-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta hadet id-decizzjoni illi tenforza l-avvizi ta' enforzar billi taghlaq forzozament il-lukanda u ghalhekk avzat lir-rikorrenti verbalment bl-intenzjoni taghha li taghlaq il-lukanda b'effett mis-17 ta' Gunju 2019.

Fil-jum tas-Sibt 15 ta' Gunju 2019 ir-rikorrenti talbu l-ftuh tar-Registru wara l-hinijiet legali u intavolaw ir-rikors promotur li b'digriet tal-istess jum intlaqa' provvizorjament u gie appuntat ghas-smiegh ghall-24 ta' Gunju 2019.

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

**Eccezzjonijiet Preliminari**.

**L-Eccezzjoni Preliminari tal-Kummissarju tal-Pulizija li mhux il-Legittimu Kontradittur**.

L-intimat Kummissarju tal-Pulizija fir-risposta tieghu[3] jeccepixxi preliminarjament illi huwa ma hux il-legittimu kontradditur in kwantu "l-presenza tieghu bhala intimat f'tali proceduri tidher li hija bla htiega stante illi l-Kummissarju tal-Pulizija fi kwalunkwe kaz jagixxi fuq rikjesta legali ta' Awtorita' (f'dan il-kaz tal-MTA) ghaz-zamma tal-bwon ordni u sabiex tassisti l-istess Awtorita' illi ghandha dritt skond il-Ligi tezercita l-poteri moghtija lilha."

Fil-fehma tal-Qorti din l-eccezzjoni hija fondata. Hu pacifiku illi l-avviz ta' enforzar li r-rikorrenti qed jittentaw jimblokkaw milli jigi ezegwit la inhareg mill-Kummissarju tal-Pulizija u lanqas jigi ezegwit mill-Pulizija. Dan gie ampjament kjarifikat, jekk kjarifika kienet mehtiega, mis-Surpretendent Carmelo Bartolo fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti fejn spjega illi f'cirkostanzi simili l-involviment tal-Korp tal-Pulizija huwa limitat sabiex fil-kors tal-ezekuzzjoni ta' enforzar minn Awtorita' statutorja, l-ufficjali tal-Pulizija jassiguraw il-buon ordni. Jintervjenu jekk il-buon ordni tigi miksura izda mhux biex jezegwixxu l-avviz ta' infurzar mahrug minn Awtorita' kompetenti.

[3] Fol. 111

Hija ghalhekk fondata l-eccezzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija illi huwa ma hux il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudzzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**L-Eccezzjoni Preliminari tal-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta illi s-socjeta' rikorrenti Park Hotel Limited m'ghandiex locus standi.**

L-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta eccepiet illi s-socjeta' rikorrenti Park Hotel Limited m'ghandiex locus standi f'dawn il-proceduri tenut kont li din is-socjeta' la hi il-licensee, la hi licenzjata bhala l-operatur tal-lukanda u lanqas inhareg xi avviz ta' infurzar fil-konfront taghha. Fir-rigward ta' din l-eccezzjoni ir-rikorrenti ma taw l-ebda reazzjoni. Minn ezami tal-atti jirrizulta li din l-eccezzjoni hija fondata u qed tigi akkolta.

**Appell minn Avviz ta' Infurzar mhux dejjem jissospendi l-effett tal-Avviz - Artikolu 41 (5) tal-Kap. 409**

Ir-rikorrenti jsostnu illi gialadarba hemm pendenti appell mill-Ordni ta' Infurzar numru EN 065.17 ghandu jsegwi illi l-Awtorita' hjija prekluza milli tezegwixxi l-istess u ghandha tistenna l-ezitu finali tal-appell.

Fir-rigward ghandu jinghad illi apparti l-Avviz ta' Infurzar numru EN 064.17 li huwa suggett ghall-appell pendenti quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Turizmu; hemm Avviz ta' Infurzar iehor kontra tnejn mir-rikorrenti li jgib in-numru EN 095.16 li sallum ma giex irtirat u li ma hux suggett ta' appell u lanqas qatt gie appellat. L-Awtorita' intimata ssottomettiet illi hija behsiebha tezegwixxi iz-zewg avvizi ta' infurzar fuq imsemmija.

Dwar jekk l-appell pendenti quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Turizmu jissospendiex l-enforzar ta' ordni ta' inforzar numru EN 065.17 mahrug mill-Awtorita' intimata issir referenza ghall-**Artikoli 40 u 41 tal-Kap. 409** li jipprovdu kif gej:-

**Artikolu 40**

"L-Awtorità għandha tissorvelja u tikkontrolla kull attività turistika biex tiżgura li attivitajiet turistiċi huma mwettqin biss skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u b'osservanza ta' kull deċiżjoni leġittima skont dan l-Att; u għall-għanijiet ta' dak is-sorveljar u kontroll il-President tad-Direttorat tal-Infurzar jew kull persuna minnu awtorizzata biex jiġi nfurzat il-kontroll għandu jkollha l-jedd f'kull ħin li tidħol u tispezzjona kull attività turistika, li ma tkunx gwida tat-turisti."

**Artikolu 41**

"(1) Jekk l-Awtorità jidhrilha li xi attività turistika qiegħda titwettaq mingħajr il-liċenza, jew li xi kondizzjonijiet li għalihom il-liċenza għal attività turistika tkun soġġetta ma jkunux qegħdin jiġu mħarsa, ........... l-Awtorità għandha tinnotifika lis-sid tal-attività turistika .............. b'avviż biex l-attività turistika tieqaf minnufih, ............. jew li dik l-irreġolarità tiġi korretta.

- omissis -

(3) Ħlief kif provdut xort'oħra f'dan l-artikolu, avviż mogħti taħt is-subartikolu (1) (f'dan l-Att imsejjaħ ukoll "avviż ta' infurzar") għandu -
(a) dwar kull ħtieġa li twaqqaf jew tipprojbixxi l-operazzjoni ulterjuri ta' attività turistika, jkollu effett minnufih hekk kif l-avviż jiġi notifikat;
(b) f'każijiet oħra jkollu effett minnufih hekk kif l-avviż jiġi notifikat jew meta jgħalaq iż-żmien li jiġi speċifikat fl-avviż.

(4) Kull persuna li tħossha aggravata b'avviż ta' infurzar lilha notifikat tista', fi żmien ħmistax-il ġurnata min-notifika tal-avviż, **tappella quddiem il-Bord;** u l-Bord -

- omissis -

**(5) Appell jissospendi l-effett tal-avviż appellat ħlief meta dan ikun ipprojbixxa u/jew waqqaf attività turistika.** Jekk l-appell jiġi milqugħ, l-avviż ma jkollux aktar effett. "

Huwa aktar milli evidenti illi gialadarba l-avvizi ta' infurzar mertu ta' dawn il-proceduri inhargu sabiex fi kliem il-ligi jiprojbixxu u / jew iwaqqfu attivita' turistika, l-appell pendenti ma ssospendiex l-effetti tal-Avviz ta' Infurzar mahrug fis-sena 2017. Il-kliem tal-ligi huwa carissimu u ma jaghti lok ghal ebda interpretazzjoni ohra.

Gialadarba jirrizulta li l-Avvizi ta' Infurzar nri EN095.16 u EN065.17 inhargu skond il-ligi u jikwalifikaw it-tnejn li huma bhala ordni sabiex tieqaf attivita' turistika fil-Park Hotel, il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-Artikolu 41 (5) tal-Kap. 409 tiddikjara illi kuntrarjament ghal dak sottomess mir-rikorrenti, l-appell intavolat mir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Turizmu ma issospendiex l-ezegwibilita' tal-Avviz ta' Infurzar numru EN065.17 filwaqt li tiddikjara illi l-Avviz ta' Infurzar numru EN095.16 ma sar l-ebda appell minnu.

Ghalhekk il-pretensjoni tar-rikorrenti li l-appell pendenti quddiem il-Bord tal-Appelli issospenda l-effetti tal-ordni ta' infurzar hija infondata u qed tigi respinta.

**L-Eccezzjoni tal-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta illi l-ezercizzju tas-setghat lilha moghtija bl-Artikolu 42 tal-Kap 409 ma jistax jitwaqqaf b'Mandat Kawtelatorju**

Dwar l-eccezzjoni tal-Awtorita' intimata illi s-sub inciz 2 tal-Artikolu 42 tal-Kap 409 huwa ta' ostakolu ghall-akkoljiment tat-talba tar-rikorrenti il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

Huwa fl-ordni logiku-guridiku illi l-Qorti ghandha, qabel ma tiddelibera dwar jekk jezistux l-estremi ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, illi tinvesti l-eccezzjoni mqanqla mill-Awtorita' intimata referibbli ghas-sub inciz 2 tal-Artikolu 42 tal-Kap. 409 rigwardanti l-immunita' moghtija lill-atti ezekutivi tal-MTA minn atti kawtelatorji gudizzjarji u dan ghaliex jekk tali eccezzjoni tirrizulta fondata l-Qorti ma jkollhiex ghalfejn tinoltra ruhha oltre fl-indagini jekk ghandiex tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, li huwa l-mandat kawtelatorju per eccellenza.

L-**Artikolu 42 tal-Kapitolu 409** jipprovdi illi:-

> "(1) Jekk xi passi jew azzjonijiet oħra, li jistgħu jittieħdu fl-avviż ta' infurzar, iżda ma jkunux ittieħdu fiż-żmien speċifikat fl-avviż, l-Awtorità tista' tidħol fl-attività turistika, minbarra gwida tat-turisti, u tieħu dawk il-passi li jkun hemm bżonn anki dik li tagħlaq dik l-attività turistika jew azzjoni oħra skont iċ-ċirkostanzi, u tista' għal dak l-iskop titlob l-għajnuna tal-pulizija li jistgħu jeżerċitaw is-setgħat li għandhom biex jipprevjenu r-reati u biex jinfurzaw il-liġi u jżommu l-bonordni.
>
> **(2) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ebda mandat kawtelatorju jew ordni oħra m'għandha tinħareġ jew tingħata minn ebda qorti, li żżomm l-Awtorità milli teżerċita xi waħda mis-setgħat mogħtija lilha b'dan l-artikolu.**

L-Awtorita' intimata tikkontendi illi mhux fil-mansjoni tal-Qrati illi jordnaw il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta sabiex titwaqqaf milli tezegwixxi ordni ta' infurzat minnha mahrug legittimament.

Ir-rikorrenti min-naha taghhom ma jikkontestawx il-validita' tal-hrug ta' Avvizi ta' Infurzar in meritu izda xorta jsostnu illi l-Artikolu 42 (2) tal-

Kap 409 ma hux ta' ostakolu ghall-akkoljiment tat-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ghaliex isostnu illi m'ghandux ikun li awtorita' statutorja tagixxi minghajr l-iskrutinju gudizzjarju. Isostnu r-rikorrenti li l-Awtorita' intimata ma hiex 'il fuq mil-ligi u ghalhekk ghandha tinzamm milli tezegwixxi l-ordni ta' infurzar minnha mahrug.

Ikkunsidrat;

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Albert sive Robert Borg vs Kap Ezekuttiv Awtorita' Maltija tat-Turizmu et.** moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2013 fejn gie deciz illi is-sub inciz 2 fuq citat ma jillediex id-dritt fundamentali ghall-access ghall-Qorti u lanqas id-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq. Ghalkemm il-mertu tal-kaz li qed jigi hawn deciz ma jikkoncernax lanjanza ta' natura kostituzzjonali, rilevanti tigi ezaminata d-decizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fir-rigward is-sub inciz 2 imsemmi:-

> *"[40] Illi fil-kaz tal-Kap. 409, ghalkemm il-legislatur fl-Artikolu 42[2] jeskludi il-proceduri kawtelatorji meta l-Awtorita` tkun ezercitat is-setghat taghha taht is-sub-inciz [1] tal-istess artikolu, izda mill-banda l-ohra haseb ghat-twaqqif tal-Bord tal-Appelli, principalment kompost min-nies esperti fil-qasam tat-turizmu, sabiex minghajr dewmien, wara li jezamina d-dokumenti u l-provi mressqa miz-zewg partijiet, jezamina u jiddeciedi l-kazijiet li jaqghu taht dan il-Kap. .................................. jista', ukoll fin-nuqqas ta' dik il-parti, jghaddi biex jisma' l-appell."*
>
> *[42] Ghalhekk fil-kaz odjern, ghall-kontestazzjoni tar-rikorrent tal-fatti attribwiti lilu fil-lukanda tieghu, hemm legalment disponibbli ghalih ir-rimedju spedit kontemplat fl-Artikolu 41[4] tal-imsemmi Kap..................u dan apparti mill-access li ghandu ghal qrati ordinarji kemm sabiex jigi determinat id-dritt sostantiv, kif ukoll taht l-Artikolu 409A tal-Kap. 12.*

*Fl-ahharnett hija opportuna l-osservazzjoni, li lanqas ma validament jinghad li s-sub inciz [2] jippekka kontra l-principju tal-proporzjonalita` li huwa substratt legali ghall-konformita` ta' mizuri legislattivi fit-termini tal-Konvernzjoni, ghax l-Artikolu 42, kemm fis-sub inciz [1] kif ukoll fis-sub inciz [2] johloq bilanc gust bejn l-interessi tal-kollettivita` u l-htiega li jigi protett id-dritt ta' proprjeta` tar-rikorrent, stante li l-ghan tal-ligi huwa dak li jipprotegi kemm lis-settur tat-turizmu kif ukoll lit-turisti li jzuru pajjizna li bid-dritt jippretendu li l-lukandi li jalloggjaw fihom ikunu sikuri u ma jkun fihom xejn li jista' jkun ta' hsara ghal sahhithom."*

Ikkunsidrat;

Jirrizulta ghalhekk illi l-Artikolu 42 (2) tal-Kap 409 gia' ghadda mill-iskrutinju tal-Qorti Kostituzzjonali. L-ilment tar-rikorrenti, jekk mhux addrittura invit lill-Qorti sabiex tinjora dan l-artikolu tal-ligi, huwa manifestament infondat. Mal-hrug tal-avviz ta' infurzar ir-rikorrenti kellhom id-dritt li jappellaw quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Turizmu, dritt li ghal ragunijiet taghhom irrikorrew ghalih fir-rigward tat-tieni avviz ta' infurzar izda mhux fir-rigward tal-ewwel avviz ta' infurzar. Mid-decizzjoni tal-Bord tal-Appelli ghat-Turizmu hekk dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell. Inoltre decizzjonijet tal-MTA huma soggetti ghall-iskrutinju gudizzjarju bis-sahha tal-artikolu 409A tal-Kap 12.

Huwa evidenti illi l-ligi trid li ordnijiet ta' infurzar mahruga mill-Awtorita' tat-Turizmu skond il-ligi ma jigux mxekkla minn proceduri gudizzjarji. Huwa minnu li l-Awtorita' damet hafna qabel ma ddecidiet li tenforza l-ordni ta' infurzar taghha, izda tali dewmien jidher li sar bl-iskop sabiex tevita sa fejn possibbli li taghlaq lukanda bir-riperkussjonijiet kollha inerenti; u sabiex ma tkompliex issir hsara lit-turisti u residenti illi jiddeciedu li jalloggjaw fil-lukanda Park Hotel. Ir-rikorrenti jsosttnu illi gialadarba l-Awtorita' ippermettiet li l-lukanda tibqa' topera ghal dan iz-zmien kollu nonostante l-hrug ta' zewg ordnijiet

ta' infurzar allura l-Awtorita' hija prekluza milli issa tenforzhom pendenti l-ezitu tal-appell.

Il-Qorti tqis tali sottomissjoni bhala assolutament infondata. Tenut kont li jirrizulta *prima facie* li n-nuqqasijiet huma gravi, bizzjjed wiehed jara r-rapporti dettaljati u r-ritratti ezebiti mill-enforcement officers tal-MTA, u li l-Awtorita' intimata ghamlet dak kollu possibbli sabiex twassal lir-rikorrenti jottemperaw ruhhom mal-ligi bil-kelma t-tajba, mhux argument validu dak tar-rikorrenti illi ghaliex l-Awtorita' intimata kienet *prima facie* aktar milli klementi maghhom, tali tolleranza tigi konverita f'impediment ghall-ezekuzzjoni tal-ordnijiet ta' infurzar.

Tenut kont li l-Qorti qed tiddeciedi li b'applikazzjoni tal-Artikolu 42 (2) tal-Kap. 409 hija m'ghandiex is-setgha li tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex twqqqaf lill-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta milli tezercita' xi wahda mis-setghat taghha, fil-kaz odjern li tezegwixxi Avviz ta' Infurzar li jordna l-waqfien ta' attivita' turistika fil-Park Hotel f'tas-Sliema, ir-rikors tar-rikorrenti prezentat fil-15 ta' Gunju 2019 qed jigi respint.

Deciz illi l-Artikolu 42 (2) jwaqqaf il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-MTA ir-rigward tal-Avvizi ta' Infurzar mertu ta' dawn il-proceduri, mhux mehtieg illi l-Qorti tiddelibera dwar ir-rekwiziti generali ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi dwar ir-rikors tal-15 ta' Gunju 2019 intavolat mir-rikorrenti, kif ukoll tiddisponi mir-risposti tal-intimati bil-mod segwenti:-

1. Tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija li huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta u tiddikjara illi s-socjeta' rikorrenti Park Hotel Limited m'ghandiex *locus standi* f'dawn il-proceduri;

3. Tiddikjara illi l-appell intavolat mir-rikorrenti mill-Avviz ta' Infurzar numru EN 065.17 quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Turizmu ma issospendiex l-enforzar tal-Avviz imsemmi.

4. Tilqa' l-eccezzjoni tal-intimata Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta msejsa fuq l-Artikolu 42 (2) tal-Kap. 409 u tiddikjara illi ai termini tas-sub inciz 2 tal-Artikolu 42 tal-Kap 409 il-Qorti m'ghandiex l-awtorita' illi tordna l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta sabiex izzommha milli tezegwixxi ordnijiet ta' infurzar numri EN 095.16 u EN 065.17 mahruga sabiex titwaqqaf attivita' turistika fil-Park Hotel, Triq Graham, Sliema.

5. Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tal-15 ta' Gunju 2019 in kwantu giet milqugha provvizorjament it-talba pendenti l-ezitu ta' dawn il-proceduri.

6. Tichad definittivament ir-rikors tal-15 ta' Gunju 2019.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moghti kameralment illum l-1 ta' Lulju 2019**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**
1 ta' Lulju 2019

**Lydia Ellul**

**Deputat Registratur**

1 ta' Lulju 2019